

minn John Micallef

# San Gejtanu fil-Knisja Kolleġġjata San Pawl Nawfragu l-Belt Valletta

Din is-sena jmiss li naghtu titwila fil-parroċċa ta' San Pawl il-Belt Valletta, tefgħa ta' ġebla 'l bogħod minna.

## Il-Kwadru

Fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawgragu, fil-Belt Valletta, sewwa sew fuq ix-xellug ta' l-altar maġġur, insibu kwadru fuq dan l-altar tal-ġenb, fejn naraw lill-Madonna, flimkien ma' San Gejtanu, Sant'Agata, San Ġwakkin u Santa Eliżabetta.

Il-kwadru huwa dominat mix-xbiha tal-Qalb Imqaddsa ta' Marija li qiegħda fin-nofs. San Gejtanu qiegħed fuq ix-xellug u fuqu naraw lil San Ġwakkin, filwaqt li Sant'Agata narawha fuq il-lemin u fuqha nsibu lil Santa Eliżabetta. F'dan il-kwadru, tidher ukoll id-dehra tal-Port il-Kbir b'turija ta' ħarsien u tberik lill-gżejjer tagħna mill-Qaddisin imsemmija.

Tajjeb li wieħed jinnota li din id-darba l-Qaddis tagħna San Gejtanu huwa liebes l-ispellizza u mhux kif forsi aħna mdorrijin narawh bis-suttana. Din il-pittura hija ta' Ġużeppi Hyzler li saret għall-ħabta tas-sena 1852. Tajjeb li wieħed jgħid li dan l-altar huwa magħruf b'ta' San Gejtanu, peress li kien l-ewwel Qaddis meqjum f'dan il-kappellun. Fuq kull naħa ta' dan il-kappellun, jinsabu żewġ pitturi oħra żgħar li jirrappreżentaw żewġ episodji mill-ħajja al-qaddis tagħna. Din id-darba f'dawn il-kwadri, San Gejtanu huwa liebes is-suttana u mhux l-ispellizza bħall-kwadru ta' l-altar. Dawn il-kwadri huma antiki ħafna u m'humiex fi stat tajjeb wisq. Fuq kull naħa tal-kwadru, insibu żewġ pitturi oħra ta' Ġużeppi Hyzler, li saru mal-kawdru l-kbir. Dawn jirrappreżentaw lil San Franġisk ta' Assisi u lil San Leonardu Abbati.

Skond il-kittieb u storiku Michael Galea, San Gejtanu daħal fil-parroċċa ta' San Pawl fis-sena 1656. Hawnhekk tajjeb li wieħed ikun jaf li San Gejtanu kien għadu beatu. Għal min forsi ma jafx, San Gejtanu ġie mgħolli għall-qima ta' l-altar u dikjarat Qaddis mill-Papa Klement X fit-12 ta' April, 1671.

Għalhekk, nistgħu ngħidu li d-devozzjoni lejn San Gejtanu hija l-aktar waħda antika f'din il-parroċċa. Dan l-altar li qed insemmi, twaqqaf bil-ġenerożità ta' bosta devoti, fosthom il-Balliju Respigliosi, li kien bniedem ta' stima kbira f'pajjiżna. Dan l-altar twaqqaf biex il-beatu *modern* ta' żmienhom, ikun magħruf, meqjum u maħbib minn kulħadd.



*L-altar ta' San Gejtanu. Jidher ftit mill-bogħod il-ventaltar ukoll.*

Wara li telgħet it-tielet knisja ta' San Pawl Nawfragu, il-kwadru ta' San Gejtanu (waħdu fil-pittura), tpoġġa fuq l-altar mill-ewwel f'wieħed mill-kappelluni ewlenin tagħha, sewwa sew fuq ix-xelug ta' l-altar maġġur. Fl-istess altar u kappellun, għall-ħabta ta' l-1804, twaqqfet il-Fratellanza ta' Sant'Agata, b'digriet ta' l-Isqof Fra Vincenzo Labini, li nzerta kien Teatin ukoll. Fil-bidu, din il-Fratellanza ta' Sant'Agata kienet tarma sotto kwadru żgħir fuq l-altar fl-okkażjoni tal-festa tal-qaddisa protettriċi tagħhom. Għal xi raġuni, wara xi żmien, dawn iddejqu b'dan u għamlu talba uffiċjali lill-Isqof Labini biex Sant'Agata tkun rappreżentata fil-kwadru ta' San Gejtanu fuq l-altar. L-Isqof Labini, iben Teatin, għall-ewwel ma tantx donnu ħa gost, imma aktar tard intlaħaq ftehim. Għalhekk, l-Isqof innifsu ordna kwadru ġdid li nħadem f'Palermo. Dan il-kwadru tpitter minn Giuseppe Velasquez u tpoġġa f'postu fl-1806. Din il-pittura kienet tirrappreżenta lil San Gejtanu u Sant'Agata. B'hekk San Gejtanu baqa' jgawdi l-istess privileġġ li kellu sa mill-bidu.

Dan il-pittur, li forsi ftit nafu bih, pinġa wkoll żewġ pitturi kbar fil-kor ta' din il-knisja li huwa ta' San Pietru qed ifejjaq li missier San Publiju, u oħra fejn naraw lil San Pawl qed ifejjaq il-morda.

Wara xi żmien, fl-istess altar u kappellun, twaqqfet ukoll il-Kongregazzjoni tal-Qalb Safja ta' Marija. Ir-rappreżentanti ta' din l-Għaqda, riedu huma wkoll li l-Madonna tkun inkluża f'dan il-kwadru u għalhekk offrew minn buthom l-ispejjeż kollha biex isir dan. Għalhekk, saret talba lill-Għaqda ta' Sant'Agata

u wara ħafna laqgħat, ġie miftiehem ma' l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi li jsir kwadru ieħor li jkun jirrappreżenta lil Qalb Safja ta' Marija, lil San Gejtanu, u lil Sant'Agata. F'dan il-kwadru l-ġdid, ma nafx għaliex, forsi b'xi wegħda, ġew inklużi wkoll San Ġwakkin u Santa Eliżabetta. Dan huwa l-istess kwadru li għadna nsibu sa llum, li kif semmejt fil-bidu, sar fl-1852.

Ta' min jinnota li hija tassew ħasra li kemm l-ewwel u kemm it-tieni kwadru, ħadd ma jaf x'sar minnhom. Jista' jkun li b'nuqqas ta' attenzjoni, dawn tqattgħu jew tmermru b'xi umdità, jekk kemm-il darba ma kinux merfugħa bil-galbu f'post addattat.

Għalhekk ta' min wieħed isemmi li l-Qaddis tagħna San Gejtanu baqa' jżomm postu f'din il-knisja sa mill-bidu tat-twaqqif tagħha, u dan minkejja li żgur li ma kien għad fadal ħadd ħajj minn dawk li ħadmu u stinkaw biex jintroduċuh f'dan it-tempju.

## Il-Ventaltar

Fl-aħħarnett, tajjeb li wieħed isemmi l-ġmiel ta' ventaltar li għandu dan l-altar. Dan hu magħmul kollu mill-fidda u jirrappreżenta eżatt lit-Titular tagħna, jiġifieri, il-Madonna qed tnewwel lil Binha Ġesù lil San Gejtanu. Dan jintrama fl-okkażjoni tal-festa ta' San Pawl fi Frar.


*Il-bust tal-fidda ta' San Gejtanu għall-wiri ma' xi teżori oħra fl-okkażjoni tal-festa ta' San Pawl.*

Għall-okkażjoni tal-festa ta' San Gejtanu, allura fis-7 ta' Awissu, dan l-altar jiġi armat bil-fjuri u bil-gandlieri tal-prima u tas-sekonda. Interessanti huwa l-fatt li dawn il-gandlieri, li huma ta' l-injam, saru fis-seklu dsatax, mill-Fratellanza ta' Sant'Agata. Ma jonqosx li jintrama wkoll il-ventaltar tal-fidda ta' San Gejtanu.

Peress li dan l-altar jaqa' direttament taħt il-Kolleġġjata, fi żmien l-antik, qabel il-Konċilju Vatikan II, dan kien jintuża spiss għall-bżonnijiet ta' kuljum.

## Ir-Relikwi

Ir-rispett u l-qima ta' fdalijiet mill-ġisem jew affarijiet personali ta' individwi li ħallewna, hu maħsub li beda fil-Greċja l-antika.

Fir-reliġjonijiet tal-Lvant, bħalma ngħidu aħna l-Buddiżmu, ir-relikwi kienu wkoll jinżammu b'ċerta qima liema bħalha.

Mal-bidu tar-Reliġjon Kattolika, dawn ir-relikwi kienu jinżammu f'postijiet ta' qima u saħansitra anke fi djar privati.

Fi żmien il-Medju Evu, (bejn wieħed u ieħor bejn is-sena 500 u s-sena 1500 W.K.), ir-relikwi kienu jinġarru mill-armati Kristjani tal-Kruċjati biex hekk bl-interċessjoni tal-Qaddis jew Qaddisin, jipprovdu għajnuna tant bżonnjuża fit-taqbidiet tagħhom kontra l-Misilmin.

Fil-preżent, dawn ir-relikwi xi kultant jinżammu f'biċċiet ta' arti prezzjuża maħduma fid-deheb jew fidda u f'ċerti pajjiżi, kollezzjonijiet sħaħ ta' relikwi huma miżmuma flimkien ġo relikwarji, fost sigurtà kbira.

## Il-Bust Relikwarju ta' San Gejtanu

Fost it-teżori li jinsabu f'dan it-tempju maestuż ta' San Pawl, insibu bust tal-fidda ta' San Gejtanu. Ġejt infurmat mis-Sur Robert Cassar, studjuż ta' l-istorja ta' din il-parroċċa, (li rrid nirringrazzjah talli vverifikali xogħli), li dan il-bust huwa magħmul minn pjanċi tal-fidda. Dan il-bust huwa madwar 70cm għoli, u qiegħed fuq pedestall tal-fidda wkoll. Jingħad li dan il-bust ingħata lill-knisja ta' San Pawl fis-sena 1724 minn xi devoti.

L-iskrizzjoni fuq il-pedestall tiegħu tgħid hekk:

> *Fis-sena 1724, fil-knisja ta' San Pawl, reġgħet iffjorixxiet id-devozzjoni lejn San Gejtanu u s-sena ta' wara xi devoti ddedikaw din ir-relikwa lill-Qaddis.*

Il-boll tal-finezza tax-xogħol fil-fidda li jinsab fuq il-pedestall, huwa ta' żmień il-Gran Mastru Perellos.



*Il-bust ta' San Gejtanu mill-qrib.*

Fil-festa tal-Qaddis tagħna, nhar is-7 ta' Awissu, dan il-bust jitqiegħed ukoll fuq l-istess altar għall-qima tal-poplu.

## Il-Bust ta' San Gejtanu fil-Ħamrun

Fl-okkażjoni tal-festi li kienu saru fil-Ħamrun biex ifakkru l-450 sena mill-mewt ta' San Gejtanu (7 ta' Awissu, 1547) dan il-bust kien ġie ġentilment misluf lill-parroċċa tagħna mill-parroċċa ta' San Pawl.

Dan inġarr waqt it-Translazzjoni mill-Kapitlu ta' San Pawl, mill-knisja ta' Santunnuzzu għall-knisja parrokkjali tagħna, nhar id-9 ta' Awissu, 1997 (lejlet il-festa).



Dan il-bust huwa wieħed mit-teżori msemmija tajjeb fil-ktieb li t-tabib Jimmy Farrugia ppubblika bl-isem *Antique Maltese Ecclesiastical Silver*, li ħarġu f'żewġ volumi. Dawn iż-żewġ volumi fihom minjiera ta' informazzjoni għal min huwa interessat dwar teżori tal-fidda li jinsabu fil-knejjes Maltin u Għawdxin. Jissemmew ukoll xi teżori barra minn xtutna. Ix-xogħol fuq dawn il-kotba kien jitlob riċerka liema bħalha u ta' dan it-Tabib Farrugia ħaqqu kull tifħir.

Il-bust ta' San Gejtanu jinsab f'paġna 61.

Fis-sena li qed insemmi meta ngħata l-bust lill-knisja, Malta kellha lil Gaspare Gori Mancini bħala isqof u pajjiżna kien għadu taħt l-Ordni ta' San Ġwann.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

**Referenzi:**

*Niltaqgħu ma' San Gejtanu* ta' Walter Camilleri.
*Antique Maltese Ecclesiastical Silver* ta' Jimmy Farrugia.
Librerija Nazzjonali.